**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Leonard Ellul Bonici**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 5 ta′ Marzu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Leonard Ellul Bonici** detentur tal-karta tal-identita′ bin-numru 474267(M) billi huwa akkuzat talli nhar is-26 ta′ Gunju 2017 u fil-jiem, granet u xhur ta′ qabel din id-data gewwa l-Qorti fil-Belt Valletta u f′dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Bil-hsieb li jaghmel hsara lill Eitienna Pierre Mallia akkuzah quddiem awtorita kompetenti b′reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innoccenti, ghall-fatt biss li akkuzah u dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

2. Talli huwa fi proceduri kriminali, gieghel li jsir, jew xjentement gab, dokument falz u dan bi ksur tal-Artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli ta xhieda falza fi proceduri kriminali u dan bi ksur tal-Artikolu 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Kif ukoll talli halef il-falz quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. fil-kawza 'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Etienne Pierre Mallia' u dan bi ksur tal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Billi bil-qerq li johloq jew gieghel li jidher, li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u dan bi ksur tal-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija, l-Qorti giet mitluba tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni ġenerali hekk kif kwotat fl-Artikolu 109 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2018 l-Qorti nnominat lill-Avukat Anna Mallia bhala Espert tal-Qorti, sabiex tirrelata wara li tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza bil-poter li x-xhieda tisma' bil-gurament inkluz tigbor id-dokumenti relevanti.

L-espert zammet **hdax (11)-il seduta** li matulhom semghet xhieda orali bil-gurament u gabret provi dokumentarji migjuba mill-prosekuzzjoni, u mid-difiza u halfet ir-rapport taghha nhar il-5 ta' Frar 2019.

Il-Qorti tat zmien lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza biex jekk ihossu l-bzonn idahhlu nota ta' sottomissjonijiet dwar il-konkluzzjonijiet tar-rapport.

Il-Prosekuzzjoni ma hassitx li kien hemm bzonn li taghmel dan u strahet fuq ir-rapport u l-provi.

Id-difiza pprezentat sottomissjonijiet bil-kitba nhar l-20 ta' Frar 2019.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda 'l oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

__Livell ta' prova__

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[2]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[3] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu

---

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**<u>Il-fatti specie tal-kaz</u>**

Certu Etienne Pierre Mallia gie akkuzat li bejn it-13 u l-14 tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) ghamel hsara volontarja fil-vettura Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni LEN-444 ghad-dannu ta' l-imputat. Il-hsara kienet, skont l-akkuza, tammonta ghal iktar minn

€233 u inqas minn €1,165. Il-hsara f'din il-vettura kienet saret kemm b'daqqa ta' gebla kif ukoll b'daqqa ta' ponn. Il-mertu ta' dik il-kawza gie ezawrit bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta' Gunju, 2017 fejn Mallia gie lliberat mill-akkuza migjuba kontrih. F'dik is-sentenza il-Qorti ordnat li jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat.

Jidher li f'dawk il-proceduri il-Qorti skartat ix-xiehda tal-imputat f'dawn il-proceduri principalment minhabba dak li xehed it-tellar Horace Bianco. Dan ix-xhud kien innega li qatt hadem fuq il-vettura ta' l-imputat u insinwa li r-ricevuta fiskali esebita mill-istess imputat kienet giet falsifikata.

Id-difiza sostniet li *"Illi qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati li jittiehdu passi kontra l-esponent kienet wahda ultra vires in kwantu tikkostitwixxi intromissjoni serja tal-Gudikatura f'dawk li huma essenzjalment il-poteri mhollija esklussivament fl-Ezekuttiv, senjatament lill-Pulizija Ezekuttiva. Ma kien ikun hemm xejn hazin li kieku l-Qorti ordnat li ssir investigazzjoni jew irrakkomandat li l-esponent jitressaq wara d-debita investigazzjoni da parti ta' min ghandu d-dover jinvestiga. Pero`, bl-ordni tal-Qorti, il-Pulizija Ezekuttiva giet zvestita mill-poteri u mid-diskrezzjoni taghha u kellha bilfors tressaq lill-esponent. Fil-fatt f'dan il-kaz ma saret ebda investigazzjoni ghajr ghat-tehid ta' stqarrija fejn il-malintiz ikkrejat minn Horace Bianco gie ccarat. Nonostante dan, il-Pulizija Ezekuttiva kienet giet ordnata tressaq lill-esponent kif fil-fatt ghamlet. Ix-xiehda lakonika ta' l-ufficjal investigattiv u prosekutur, l-Ispettur Daryl Borg, hija prova ta' dan."*

**XHIEDA**

L-**Ispettur Daryl Borg** kkonferma li fil-proceduri kontra Etienne Mallia l-akkuzat Ellul Bonici xehed qabel Horace Bianco. (seduta 4.4.2018), u li wara l-ordni li kellu mil-Qorti investiga l-kaz u mexxa kontra l-akkuzat permezz ta' dawn il-proceduri.

Dan gie konfermat mil-**ispettur Maurice Curmi** (seduta 3.5.2018) li kien l-ufficjal prosekutur f'din il-kawza izda mhux mil-bidu nett li kkonferma li Ellul Bonici ma kienx talab kjarifika fuq dak li kien allega Horace Bianco u Ellul Bonici qatt ma ntalab jitla l-Qorti.

**L-Ispettur Joseph Busuttil** (seduta 26.11.2018) xehed li huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-Qawra u l-file ta' Etienne Mallia kien ghadda lill-Ispettur Therese Sciberras u huwa ha hsieb l-prosekuzzjoni tieghu u wara ha hsiebu l-Ispettur Maurice Curmi. Huwa kkonferma li talab lill-akkuzat igib xi dokumenti u l-kuntistabbli 274 Francesca Quattormani llum surgent nizlet fir-rapport li Leonard Ellul Bonici kien ghadda stima tal-hsarat li saru fil-vettura LEN-444 u skont hi dawn telghu ghal €325.

**Horace Bianco** (seduta 4.4.2018) kkonferma li d-dettalji tal-ircevuta tal-VAT li waslet ghal dawn il-proceduri, kienu tajbin ghajr il-kliem Leonard Ellul Bonici u l-kliem Opel Tigra. Difatti huwa xehed hekk "*Jien meta ccekjajt mal-kotba tal-vat sibt li fil-kopja tieghi ma kienx hemm imnizzel Leonad cioe l-akkuza pero d-dettalji l-ohra kienu tajbin.*" Huwa jammetti wkoll li kien hemm drabi fejn huwa tah l-karta ghax kellu l-ktieb tal-vat biex jaghmel il-homework tieghu u jnizzilhomlu hu biex ikun jista'

jaghtihom lill- klijenti tieghu. Huwa cahad li l-karozza Opel Tigra kellha xi hsara u sar jaf wara li irceva t-tahrika ghax kien cempillu u l-imputat qallu l-istorja tal-incident li kellu hdejn Fra Ben u li taw lok ghal proceduri kontra Etienne Mallia.[4]

Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija (seduta 4.4.2018) **l-imputat** baqa jinsisti li l-ircevuta tal-VAT ghall-ammont ta' €475 saret bil-kunsens ta' Horace Bianco. L-imputat (seduta 17.10.2018) xehed li kien barbeque l-Fra Ben mal-partner tieghu u t-tifel li jiffosterjaw u meta mar igib l-karozza kien hemm Etienne Mallia barra l-karozza tieghu u peress li ma setghax johorg minhabba l-karozza tieghu huwa beda jpaqpaq u Mallia baqa hemmhekk ma ghamel xejn. Kif giet persuna ohra ressaq l-karozza Etienne Mallia qallu 'issa tista tohrog bil-karozza' u x'hin hareg bil-karozza mil-parking Mallia tefghalu gebla fid-direzzjoni tieghu u ra n-nies izommuh. Huwa hareg mil-karozza u dahal mal-ewwel u saq. Kif saq, Mallia lahqu ghax mar jigri u ta daqqa ta' ponn fuq l-karozza u pprova jiftah l-bieba biex idur ghalih. Dak il-hin swervja u baqa' sejjer ghat-tifla u l-partner.

Ellul Bonici jghid li l-karozza kellha hsaret kemm bil-gebla u d-daqqa ta' ponn u esebixxa r-ritratti fil-proceduri kontra Etienne Mallia wara li

[4] Id-difiza dwar dan ix-xhud tghid: *Illi Horace Bianco huwa sprayer u tellar u, fi kliemu stess "mhux ta' skola". Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dan il-fatt ma jezonerahx milli jixhed meta jigi mharrek u jixhed il-verita`. Sfortunatament, kif spjega kemm il-darba, kemm quddiem l-espert legali kif ukoll fil-proceduri kontra Etienne Pierre Mallia, li hass ruhu fastidjat hafna jitla' l-Qorti tant li ddeskriva l-avveniment bhala li iddahhal "f'basla". Illi dan ix-xhud, li kien il-katalista ta' dak kollu li sehh wara x-xiehda tieghu tad-9 ta' Mejju, 2016, spjega li l-esponent kien l-accountant tieghu u kien johodlu hsieb il-karti tal-VAT u l-ircevuti. Il-xhud allega – korrettement – li l-kaligrafija fuq l-ircevuta meritu ta' din il-kawza ma kienitx tieghu. Allega wkoll – b'mod skorrett – li l-ircevuta giet "imbaghbsha" ghaliex dik fil-pussess tieghu u dik esibita mill-esponent kienu differenti. Ix-xhud spjega – korrettement – li huwa qatt ma kien hadem fuq il-vettura Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni LEN-444 u – b'mod skorrett – li xoghol fuq il-vettura qatt ma gie diskuss bejnu u bejn l-esponent. Ix-xiehda tad-9 ta' Mejju, 2016 tikkostitwixxi l-bazi ta' l-akkuzi migjuba kontra l-esponent.*

huwa mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Qawra u ta l-pulizija n-numru tal-vettura ta' Mallia.

Gara li huwa kien l-accountant ta' Horace Bianco u peress li l-pulizija talbuh stima tal-hsarat u huwa kien jimla l-ktieb tal-VAT ta' Bianco huwa hareg ircevuta tal-VAT fl-ammont ta' €475 u wara fuq l-original mela d-dettalji tieghu u tal-vettura. Skont hu l-ircevuta saret quddiem Bianco izda mhux d-dettalji tieghu u tal-karozza.

Huwa xehed: *"Qed nigi muri l-ircevuta 000126 ta' €475 prezentat mil-pulizija fl-atti tal-kawza li gie esebit fil-process u kopja tal-istess li esebixxa Horace Bianco li fiha hemm il-kliem nieqed "Opel tigra LEN 4442 u l-isem favur min harget l-ircevuta u nghid li dawn il-kliem zidthom wara li l-ispettur Busuttil saqsieni ghandi ircevuta. Il-kliem 'spray back door & sid rood' huma l-hsara li garbet il-karozza bil-gebla u daqqa ta' Etienne Mallia. L-Opel Tigra qatt ma sewwejtha ghandu l-karozza spiccajt bieghejtha. "(seduta 17.10.2018)*

L-imputat fl-istess seduta jispjega kif Bianco kien '*furious*' meta rcieva t-tahrika biex jixhed fil-proceduri kontra Mallia u l-akkuzat weghdu li jhallsu tal-gurnata xoghol li kien ser jitlef meta jitla' l-Qorti izda huwa jghid li talbu tlett mitt ewro (€300) u l-imputat ma accettax. Huwa baghat lil Bianco kont tas-servizzi tieghu izda Bianco baqa' jinsisti li huwa, cioe l-imputat, ha €475 u li ma ghandu jaghtih xejn. Huwa infurmah b'text message li ma kienx ser jahdimlu izjed.

Fix-xhieda taghha **Doreen k/a Dorianne Degiorgio** (seduta 7.11.2018) kkonfermat li kien hemm dan l-incident hdejn Fra Ben u li waqt li kienet

qed tistenna lill-imputat gej bil-karozza li kienet faccata taghha hija rat zewgt irgiel jigru u rat lil-imputat gej jigri bil-karozza u qallha: "imxi halli mmorru". Fil-karozza huwa qallha li meta mar biex igib l-karozza sakruh u ma setghax johrog bil-karozza u li garawlu l-gebel u wara marru l-ghassa tal-Qawra jaghmlu rapport. Hija qaghdet tistennih fil-karozza sakemm huwa dahal l-ghassa jaghmel r-rapport. Hija rat l-ghafsa fil-karozza forma tonda u semghet iz-zewgt irgiel jghajtu u jitkellmu izda skont hi *'kien pitch black u la rajt wicchom xejn.'*

<u>**X'irrizulta mill-provi**</u>

**L-Ircevuta meritu tal-kaz**

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Etienne Pierre Mallia" gew esibiti zewg ricevuti ta' Horace Bianco – numru tal-VAT 2108 5625 u numru ta' l-ircevuta 000126. Din l-ircevuta hija datata 8 ta' Ottubru, 2014 u inharget ghas-somma ta' € 475.00. L-ircevuta esebita mill-imputat hija l-*customer's copy* mentri dik esebita minn Bianco hija s-*supplier's copy*. Il-kopji huma identici ghajr ghall-fatt li f'dik esibita mill-imputat hemm il-kliem mizjud "Opel Tigra LEN 444" u "Leonard Ellul Bonici 474267(M)".

Id-difiza spjegat li *"z-zieda ta' dawn il-kliem saru b'mod legittimu, huwa pertinenti li jinghad li ma hemm assolutament xejn fl-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprekludi jew ma jippermettix li jizdiedu dettalji dwar it-transazzjoni meritu tar-ricevuta partikoari. Illi t-transazzjoni – li qatt ma sehhet – meritu ta' din l-ircevuta kienet tirrigwarda proprju l-vettura indikata mill-esponent fil-customer's copy.*

*Dak li huwa proprju pertinenti għall-vertenza f'din il-kawża hija mhux wisq il-kliem miżjud iżda l-fatt preokkupanti li Bianco ma ddejjaqx jitkellem fuq dokument "imbagħbsha" u ma kienx kapaċi jindika x'kienet it-transazzjoni meritu tagħha. Wieħed kien jistenna li, għall-inqas, iġib xi forma ta' prova li d-dokument ma jappartjenix il-vettura Opel Tigra LEN 444 u jġib il-prova li tappartjeni għal vettura oħra. Dan m'għamlux għar-raġuni li jaf, jew almenu jmissu jkun jaf, li dik l-irċevuta tappartjeni l-vettura indikata mill-esponent. Pero` huwa risaput u inkontestat li l-lament ta' Bianco kien biss minħabba l-"basla" tat-telf ta' ġurnata xogħol u xejn iżjed."*

**Xiehda ta' Leonard Ellul Bonici**

L-imputat xehed quddiem il-Perit Legali fis-17 ta' Ottubru, 2018. Wara li spjega dak li kien seħħ fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 tax-xahar ta' Awissu tas-sena 2011, huwa spjega li mar jagħmel rapport l-għassa tal-pulizija peress li l-aġir ta' Etienne Pierre Mallia kien wassal għal xi ħsarat fil-vettura tiegħu. Huwa spjega li l-Ispettur Joseph Busuttil kien talbu għal riċevuta jew *quote*. L-imputat spjega li kien qabel fuq prezz ma' Horace Bianco u għalhekk, <u>bil-kunsens tiegħu</u>, huwa ħareġ riċevuta għax-xogħolijiet li kellhom isiru fuq il-vettura tiegħu.

Tramite l-avukat tiegħu ġew esibiti l-irċevuti kollha tal-ktieb li minnu kienet ħarġet l-irċevuta meritu tal-każ in dizamina. L-imputat spjega li l-irċevuti kollha, ad eċċezzjoni ta' waħda, kien kitibhom hu. Huwa spjega li kien żied il-kliem "Opel Tigra LEN 444" wara li l-Ispettur Busuttil kien talbu għall-riċevuta. Il-kliem "spray back door and side roof" inkitbu quddiem Bianco u <u>jirriflettu l-ħsarat li kienet ġarrbet il-</u>

vettura msemmija. Huwa spjega li l-vettura qatt ma giet imsewwija u eventwalment spicca bieghha.

L-imputat kompla jixhed li Horace Bianco kien irregistrat bhala VAT exempt u ghalhekk qatt ma hallas VAT fuq l-ammont dikjarat. L-imputat spjega kif Bianco cempillu wara li gie mharrek biex jixhed u kien irrabjat ghaliex kien ser jitlef gurnata xoghol. L-imputat qallu li kien ser ihallsu ta' gurnata xoghol u Bianco talab ghal €300. L-imputat ma accettax. Bianco ma hallasx lill-imputat tas-servizzi tieghu u l-imputat infurmah li ma kienx ser jahdimlu izjed.

**Id-difiza dwar r-rapport tal-Espert Legali**

Il-Qort rat dak li kellha xi tghid id-difiza fin-nota taghha dwar l-imputazzjoni a bazi tal-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali, u cioe` dik il-parti fejn intqal li l-imputat ghandu jinstab hati ta' spergur u d-difiza qieghda ssostni li ma taqbilx u tat numru ta' ragunijiet:

**(i) Id-domanda tal-Qorti u r-risposta ta' l-esponent**

> Illi, fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li l-perit legali ddikjarat minghajr mezzi termini li l-versjoni ta' Horace Bianco ma kienitx veritjera. Kienet proprja x-xiehda ta' dan ix-xhud fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Etienne Pierre Mallia" quddiem il-Qorti tal-Magistrati (per Onor. Mag. Dr. Claire Stafrace Zammit) li wasslet ghat-tehid ta' proceduri kriminali kontra l-esponent quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-abbli perit legali gustament osservat li l-versjoni tieghu dwar ir-ricevuta fiskali ma setghetx titwemmen. Effettivament il-proceduri f'dan il-kaz ittiehdu proprju minhabba din ir-

ricevuta fiskali. L-esponent gie ezonerat mill-perit legali minn xi forma ta' responsabilita` penali f'dan ir-rigward.

Illi l-abbli perit legali pero` rriteniet li l-esponent kellu jinstab hati peress li, meta xehed fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Etienne Pierre Mallia", kien irrisponda "*Iva fit-two thousand eleven*" ghad-domanda tal-Qorti "*Jigifieri dik l-ircevuta inti sewwejtha?*" Il-perit legali ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

> "…huwa veru li l-akkuzat f'dawn il-proceduri … spjega li dik id-domanda li saritlu mill-Qorti huwa ma fehemx li kienet qed tirreferi ghal-vettura izda fehem li kienet qed tirreferi ghall-ircevuta.
>
> "Pero il-perit legali ma tasalx biex temmen lill-akkuzat f'dan ir-rigward aktar u aktar meta kompla jenfasizza li dan sar fis-sena 2011 u kieku kien qed jirreferi ghal-ircevuta tal-vat li harget fit-8 ta' Ottubru 2014 huwa ma kienx jaghti dan id-dettal."

Illi qabel xejn l-esponent jirrileva li, tenut kont ta' l-importanza ta' din id-domanda u risposta f'dawn il-proceduri, huwa impellenti li din l-Onorabbli Qorti tisma' hi stess lill-esponent jaghti spjegazzjoni tar-risposta tieghu ghal domanda tal-Qorti liema domanda, bl-akbar rispett, ma taghmel ebda sens. L-esponent kien qieghed jirrispondi ghal domanda dwar ricevuta fiskali u jinsab ghaddej proceduri kriminali minhabba l-fatt li ma rrispondix, mhux ricevuta fiskali, izda fuq vettura (sic!).

Illi ghandu jigi wkoll rilevat li fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Etienne Pierre Mallia", il-Qorti tal-Magistrati kienet ordnat li jittiehdu passi kontra l-esponent minhabba l-kwistjoni tar-ricevuta fiskali. Infatti, fl-istqarrija li l-esponent ghamel lill-Pulizija fid-29 ta' Novembru, 2017, ma saret ebda domanda dwar din ir-risposta partikolari u l-"investigazzjoni" saret biss fuq l-imsemmija ricevuta. Lanqas ma saret xi domanda da parti tal-

prosekuzzjoni jew tal-perit legali meta xehed l-esponent quddiem l-istess perit legali u kien biss fuq inizjattiva tieghu li rega' ha l-pedana tax-xhieda fit-30 ta' Novembru, 2018 u spjega ghaliex kien irrisponda b'dak il-mod.

Illi qed jinghad bl-aktar rispett li jkun assurd li persuna tinstab hatja tar-reat ta' spergur minhabba domanda ta' Qorti xejn cara tant li l-interpretazzjoni taghha hija miftuha ghal kull interpretazzjoni. Hawnhekk qieghdin fil-kamp penali u ma hemmx lok ghal spekulazzjonijiet u assunzjonijiet.

**(ii) In-nuqqas lampanti ta' *dolo* da parti ta' l-esponent**

Illi, fit-tieni lok, huwa evidenti mill-andament tal-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Etienne Pierre Mallia" li l-esponent kien tilef, jekk qatt kellu, kull interess f'dik il-kawza. Huwa gie mharrek biex jixhed xi tmien darbiet sakemm fl-ahhar tfacca Mallia u l-esponent seta' jixhed. Meta huwa xehed, kien gja' biegh il-vettura *de quo* u qatt ma kien talab ghal xi kumpens ghad-dannu soffert. Huwa pproduca ricevuta meta saritlu talba f'dan is-sens mill-Ispettur tal-Pulizija li kien qed imexxi dawk il-proceduri. Tant hu hekk li lanqas ikkostitwixxa ruhu bhala *parte civile* jew qabbad avukat biex isegwi l-proceduri.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi wiehed bilfors jistaqsi "x'kien ser jiehu l-esponent billi jizgwida r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja?". Huwa palezi mill-premess li l-esponent mhux biss qatt ma lissen il-kliem li l-vettura giet imsewwija izda lanqas ma kellu intenzjoni jew interess li jaghmel hekk. Id-*dolo* jigi dezunt mic-cirkostanzi tal-kaz u c-cirkostanzi f'dan il-kaz kollha jippuntaw fl-istess direzzjoni, u cioe` li l-esponent ma fehemx id-domanda tal-Qorti. U l-esponent ma fehemx id-domanda tal-Qorti bir-ragun ghaliex id-domanda tal-Qorti ma kienitx cara!

**(iii) Il-kontenut tar-risposta ta' l-esponent ma kienitx *false in a material particular***

Illi, fit-tielet lok, jirrizulta mill-process fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Etienne Pierre Mallia" li Mallia kien akkuzat b'reat wiehed u cioe` dak ta' hsara volontarja kontemplata fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-abbli perit legali ghamlet studju approfondit tar-reat ta' spergur b'referenza ghal diversi guristi illustri, kemm Maltin kif ukoll Taljani. Jirrizulta car minn din id-dottrina li sabiex wiehed jinstab hati tar-reat ta' spergur, irid necessarjament jirrizulta li l-falsita` kienet guridikament rilevanti. Infatti Sir Anthony Mamo jispjega li jekk ma hemmx potenzjal ta' dannu, ma hemmx gustifikazzjoni ghal piena. Id-dannu jrid ikun ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Maino jghid hekk fir-rigward:

> "Perche` sussista la falsa testimonianza – delitto funesto in vista dell'inganno nel quale per esso vien tratta o potrebbe essere tratta la giustizia – e` necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente taciute siano pertinenti alla causa o influenti sulla decisione di questa." (sottolinear ta' l-esponent)

U l-Antolisei huwa ta' l-istess opinjoni:

> "Affinche' possa farsi luogo alla punizione per noi e` necessario che la falsita` (compresa in questa espressione anche la reticenza) sia *giuridicamente rilevante*, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita` giudiziaria sia fuorviata, occore che il fatto che e` stato commesso abbia la possibilita` di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto, che la possibilita` di influire sulla decisione giudiziaria sia *requisito implicito* del delitto in esame, requisito che si desume dalla *ratio* della norma o, se si preferisce, dalla oggettivita` giuridica del delitto medesimo." (sottolinear ta' l-esponent)

Illi jekk wiehed jassumi dak li assumiet il-perit legali, u cioe` li l-esponent kien qed jirreferi ghat-tiswija tal-vettura, allura huwa evidenti li tali xiehda ma setghet qatt tinfluwixxi fuq is-sentenza in kwantu is-sejbien ta' htija fir-reat ta' hsara volontarja huwa totalment indipendenti minn jekk dik il-hsara gietx imsewwija jew le. Ghalhekk, anke jekk wiehed jaccetta l-veracita` ta' din l-assunzjoni, xorta wahda jonqos dan l-element fondamentali sabiex ir-reat ta' spergur jigi integrat.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

**L-ewwel u hames imputazzjoni**
**Ksur tal-artikolu 101 u 110(1) tal-Kap 9**
**Kalunnja u holqien qarrieqi ta' provi foloz**

Illi permezz tal-ewwel u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat giet addebitata bir-reati kontemplati fl-Artikolu 101 u 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' z-zewg forom ta' kalunja.

L-imputat giet akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta - 'l hekk imsejjah "holqien qarrieqi ta' provi foloz" li jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel..."*

F'dan ir-reat l-imputat irid b'qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista' jingieb bi prova kontra persuna ohra sabiex tigi akkuzata kontra s-sewwa. Huwa importanti li l-malvivent ikun jaf li jkun qed jaghmel hekk b'mod doluz sabiex il-persuna innocenti tkun tista' taffaccja proceduri kriminali. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fatt li bniedem jikkreja b'mod doluz fatt li jista' jintuza bhala evidenza f'kaz kriminali kontra persuna innocenti. L-element intenzjonali jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent li jara li persuna innocenti tigi misjuba hatja jew akkuzata b'reat meta kien jaf li tali persuna hija innocenti. Dan ir-reat huwa kkonsmat fil-mument li l-elementi materjali u intenzjonali jikkonkorru - irrespettivament jekk persuna tressqitx il-Qorti jew le.

Il-Professur Sir Anthony Mamo[5] jikkwota l-Maino li jghid dwar dan ir-reat:

> *"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato …. Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."*

[5] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 58.

Il-Professur Mamo mbaghad jghid dwar dan ir-reat:

> *"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged…. In the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*

Illi mid-dicitura tal-Artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi a bazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciz 15 ta' Gunju 2001 fejn gie deciz li:

> *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l- element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il- persuna fil-fatt ma kienitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak li jghallem l-Imhallef William Harding fejn fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tratta r-reat ta' **falza denunzja**:

> "*Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok hal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Teighu l-Gvernatur, jew mill-Kummissajru jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-*

*membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`, tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dispozizzjonijeit diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja.*"[6]

Illi dwar il-kalunja l-Professur Sir Anthony Mamo jsostni li:

*... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct, such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of... indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

**It-tieni imputazzjoni**
**Artikolu 103 tal-Kodici Kriminali**
**Produzzjoni ta' dokument iffalsifikat**

L-artikolu 103 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull min, fi proceduri civili jew kriminali, igieghel li jsir, jew xjentement igib, dokument falz, jehel l-istess piena ghall-awtur tad-dokument falz."*

Ghalhekk il-qofol ta' dan ir-reat huwa fli wiehed 'igieghel li jsir' jew 'xjentement igib'.

---

[6] **Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard** tas-7 ta' Novembru 1949

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu jghid li:

*"With regards to the element 'wilfully made' which constitutes the intentional element of the crime, it is necessary that the person making the statement, should have the full consciousness of preventing the truth. If on account of ignorance, forgetfulness or other cause exclusive of malice, a statement has been made, which is objectively false, no criminal responsibility under this section is occurred."*

L-artikolu 103 jitkellem fuq 'dokument'.

Kenny, gurista Ingliz il-ktieb tieghu **Criminal Law** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

*"for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction."*

Manzini fid-**Diritto Penale** jghid:

*"documento e' ogni scrittura determinate, contendendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta' ovvero attestazioni di verita', atto o fondare o a suffragare una pretesa giuridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapport processuale o in altro rapport giuridico."*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*.

Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghall-persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn

kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 105 tal-Kodici Kriminali</u>**
**<u>Spergur</u>**

Artikolu 105 tal-Kapitolu 9[7] jghid hekk:

*"Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar ir-reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn".*

Illi l-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wigi Attard** deciza fil-25 ta' April 1953 fejn il-Qorti irriteniet li d-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi hati ta' spergur lil min jaghti xiehda falza fi proceduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabblli anki ghall-kaz ta' min ikun xehed il-falz f'kawza kriminali fejn kien imputat huwa stess. L-istess principju gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Bartolo** deciza fit-12 ta' Mejju 1953 fejn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

---

[7] Ara Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat Neville Camilleri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Piu Attard deciza fil-15 ta' Ottubru 2013

*"L-imputat illi jixhed il-falz f'kawza kriminali li saret kontra tieghu stess jirrendi ruhu hati ta' falza testimonjanza l-istess bhal kieku dak l-ispergur gie kommess minn xhud li tkun persuna diversa mill-imputat".*

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bi ksur ta' Artikolu 105 tal-Kapitolu 9. Dan ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioé sa mit-30 ta' Jannar 1854 u sussegwentment kienu saru xi emendi zghar, madanakollu fis-sustanza tieghu r-reat baqa' l-istess. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu **"Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze"** (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

*"L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. […] Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla*

*veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza".*[8]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioé:

"(i) *a testimony given in a cause.*
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority.*
(iii) *falsity of such testimony in a material particular.*
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent".*

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xiehda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

[8] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

> *"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision".*

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioé x-xiehda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti. Kif ighidu l-awturi, fosthom il-Manzini, dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioé "***l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza.***"[9]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xiehda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinanti ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo jghid:

> *"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. [T]he law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist."*

---

[9] Capitolo XIX Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino:

*"Perche' sussista la falsa testimonianza [...] e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente taciute siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa."* (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Mamo jkompli:

*"If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court".*

L-istess ighid l-Antolisei:

*"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato commesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono*

*considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria".*[10]

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha ***mens rea*** tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

*"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. […] Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted".*

L-istess ighid l-Antolisei:

*"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica".*

[10] *Ibid.*

Il-Maino wkoll isostni:

*"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. [...] Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze".*[11]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bilfors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioé irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xiehda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**
**<u>L-artikolu 108 tal-kapitolu 9</u>**
**<u>Ġurament falz.</u>**

*108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef,maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;*

[11] Commento al Codice Penale – Dei Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

*(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.*

*(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti Promissorji.*

Illi l-artikolu 108 jitkellem dwar 'l hekk imsejjah *extra judicial perjury* u cioe' il-gurament falz. Il-Mamo f'dana il-kaz jelenka ukoll erba elementi essenzjali li isawwru dana ir-reat u cioe'

"(i) *a false statement.*
(ii) *wilfully made.*
(iii) *on oath*
(iv) *before a person authorized by law to administer oaths.*"

Illi l-element intenzjonali f'dana ir-reat ukoll jikkonsisti fil-fatt illi l-persuna li tkun qed taghmel dina id-dikjarazzjoni taht gurament tkun konsapevoli illi hija qed tghawweg il-verita'. Ukoll f'dana il-kaz jekk persuna ma tghidx is-sewwa minhabba injoranza, jew minhabba l-fatt li tkun insiet jew ghal xi raguni ohra li teskludi il-malafede, huwa minnu illi tkun saret dikjarazzjoni falza, izda dana ma jista' jwassal qatt ghal xi htija fil-kamp penali.

**Il-Fatti fl-ambitu tal-imputazzjonijiet**

L-imputat gie mixli bir-reati kontemplati fl-artikolu 101 (kalunnja), 103 (produzzjoni ta' dokument falz), 105 (spergur), 108 (gurament falz) u 110(1) (holqien qarrieqi ta' provi foloz) tal-Kodici Kriminali.

Id-data ta' dawn l-allegati reati skont l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva hija s-segwenti: "id-26 ta' Gunju 2017 u fil-jiem, granet u xhur ta' qabel din id-data". Il-post fejn allegatament sehhew dawn ir-reati huwa fil-"Qorti fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer Maltin".

**Id-data indikata fl-akkuza**

Ir-reati allegatament kommessi mill-imputat suppost sehhew "**fid-26 ta' Gunju 2017 u fil-jiem, granet u xhur ta' qabel din id-data**". [Enfasi tal-Qorti]

Jirrizulta li fis-**6 ta' Gunju tas-sena 2017** hija l-gurnata li nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kontra Etienne Pierre Mallia. Leonard Ellul Bonici f'dawk il-proceduri xehed fl-1 ta' Frar tas-sena 2016, u cioe` **iktar minn sena** qabel ma nghatat s-sentenza. [Enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tista' tieqaf hawn u tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontrih anke biss a bazi ghall-fatt li jekk gie kommess xi att da parti tieghu, dan sehh qabel il-perijodu indikat fl-akkuza. Certament ix-"**xhur ta' qabel**" ma jinkludux dak li sehh **iktar minn sena qabel** l-allegat akkadut.

L-imputat gie l-ewwelnett akkuzat bir-reat ta' kalunnja kontemplat fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti qieghda tifhem li dan jirreferi ghar-rapport li sar kontra Etienne Pierre Mallia. Etienne Pierre Mallia qatt ma ngab jixhed f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma hemm l-ebda prova li l-fatt rapportat mill-imputat ma sehhx. A parti minn hekk xehdet Dorianne Degiorgio li dakinhar ta' l-incident u dakinhar li sar ir-rapport kienet ma' l-imputat. Hija qalet li kienet rat zewgt irgiel jigru. Kien f'dawn ic-cirkostanzi li sar ir-rapport.

Il-Qorti hi konvinta li fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 tax-xahar ta' Awissu tas-sena 2011 sehh dan l-incident. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-difiza li "*mhux biss ma giex prodott Mallia f'dawn il-proceduri, izda lanqas ma saret prova li setghet ipotetikament tikkorrobora din l-allegata cahda kif rikjest tassattivament fir-reat ta' kalunnja skond l-artikolu 639(1) tal-Kodici Kriminali.*"

L-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat ta' produzzjoni ta' dokument falz kontemplat fl-artikolu 103 tal-Kodici Kriminali. Ma saret assolutament ebda prova li d-dokument huwa falz. Anzi jirrizulta minn dak li nkiteb fl-ewwel istanza – u cioe` mhux dak li gie mizjud – li d-dokument verament jappartjeni lill-vettura Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni LEN-444. Il-fatt li l-ircevuta harget u x-xoghol ma sarx ma jirrendix dak id-dokument falz. Ic-cirkostanzi tar-ricevuta gew spjegati mill-imputat u l-iskop tar-ricevuta kien li l-istess imputat jaghti stima tal-hsarat kif mitlub mill-Ispettur Joseph Busuttil.

L-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat ta' spergur kontemplat fl-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali. Jidher li dan ir-reat gie addebitat lill-imputat minhabba l-fatt li huwa rrisponda fl-affermattiv ghal domanda tal-Qorti diversament preseduta jekk kienx sewwa l-ircevuta (sic!). Huwa evidenti li jew l-imputat ma fehemx id-domanda jew saret traskrizzjoni hazina. Il-fatt li tissemma s-sena 2011 meta l-ircevuta harget fis-sena 2014 huwa prova ta' dan. Dan l-izball ma huwiex wiehed materjali in kwantu dak li kellu jigi ppruvat ghar-reat addebitat lil Etienne Pierre Mallia – hsara volontarja – ma kienx jekk il-vettura ssewwietx izda l-ammont ta' hsara kkawzata minn Mallia. Issa huwa risaput li, skond id-dottrina u l-gurisprudenza, sabiex wiehed jinstab hati ta' spergur, ix-xiehda falza trid tkun materjali u mhux incidentali, jigifieri trid tkun wahda li ghandha l-potenzjal tizvija l-amministrazzjoni tal-gustizzja. F'dan il-kaz, kif inghad, ma saret ebda prova li l-ircevuta meritu tal-kawza kienet wahda falza u jekk il-vettura ssewwietx jew le kienet kwistjoni irrilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza f'dik il-kawza.

Fil-proceduri li waslu ghal dan il-kaz l-imputat qatt ma sostna li l-vettura ssewwiet u, jekk it-traskrizzjoni tax-xiehda tieghu hija korretta, allura jidher li huwa ma fehemx id-domanda.

L-akkuza ta' gurament falz kontemplat fl-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali hija alternattiva ghall-ispergur u peress li jirrizulta li x-xiehda nghatat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali, din ma tista' qatt tirrizulta.

Fir-rigward ta' l-ahhar akkuza ta' holqien qarrieqi ta' provi foloz kontemplat fl-artikolu 110(1), jirrizulta li l-ircevuta kienet intiza bhala stima u ma hijiex wahda falza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**